**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAS-SUMMIT TAL-KUNSILL EWROPEW NHAR IL-ĦAMIS 19 TA' MARZU 2026**

Sur President, nhar il-Ħamis li għadda, jiġifieri d-19 ta' Marzu, fuq stedina tal-President tal-Kunsill Ewropew Antonio Costa, ingħaqadt flimkien mal-bqija tal-mexxejja tal-pajjiżi stati membri tal-Unjoni Ewropea għal Summit ieħor tal-Kunsill Ewropew, din id-darba kienet laqgħa skedata u li tradizzjonalment issir f'Marzu ta' kull sena. L-aġenda kienet biex niddiskutu l-iżviluppi f'għadd ta' temi importanti skont kif jirriżulta mill-aġenda formali F'din l-okkażjoni kellna wkoll il-Euro Summit li jsir perjodikament – din id-darba sar fl-aħħar parti tal-Kunsill – u hemmhekk, kif se nkun qed nispjega aktar 'il quddiem, iddiskutejna l-aħħar żviluppi ekonomiċi u monetarji taż-Żona Ewro.

L-ewwel appuntament tal-ġurnata tal-Ħamis kien għal-laqgħa informali li nżommu fil-format ta' bejn 14 u 15-il stat membru. Din issir qabel kull Kunsill Ewropew fejn niddiskutu t-tema tal-immigrazzjoni irregolari u anke tal-migrazzjoni regolari. Kif għedt, dan sar appuntament regolari u din id-darba, minħabba l-iżviluppi li għandna fil-Lvant Nofsani, din il-laqgħa assumiet dimensjoni aktar importanti. ,Tħaddidna dwar it-tħassib tal-possibbiltà ta' displacement u mases kbar ta' persuni jiġifieri jkun hemm ċaqliq ta' immigrazzjoni minn fejn bħalissa għaddejja l-gwerra. Fil-fatt diġà qed jiġi osservat ċaqliq ta' nies bejn pajjiż u ieħor biex jaħarbu mill-atroċitajiet tal-gwerra.

Il-messaġġ ewlieni hawnhekk kien li minkejja li din is-sena se jibda t-tħaddim tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, dan mhuwiex biżżejjed, għaliex irridu naraw li nsaħħu r-relazzjonijiet esterni, b'mod ewlieni mal-pajjiżi tat-tranżitu u tat-tluq. Bla dubju, kif ġie osservat għal ħafna snin, il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u b'mod speċjali l-Libja jilagħbu rwol importanti ħafna fit-twaqqif tat-tluq irregolari lejn l-Ewropa u għaldaqstant iridu jiġu mogħtija attenzjoni u appogg sabiex jiġu evitati t-traġedji fuq il-baħar.

Hemmhekk jien erġajt għamilt l-intervent solitu, anke fid-dawl ta' dawn il-pressjonijiet kbar li hemm partikolarment li pajjiżi li jistgħu jkunu ta' transitu bħal dak tal-Eġittu, iridu jagħmlu x-xogħol tagħhom li jwaqqfu l-immigrazzjoni irregolari milli tgħaddi mill-art tagħhom. Imbagħad enfasi li għamilt dakinhar u saħansitra dalgħodu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea li kelli laqgħa magħha għax tinsab f'pajjiżna hija dwar l-importanza li bħall-Unjoni Ewropea nkunu preżenti fuq ix-xtut Libjani għax l-aqwa soluzzjoni għall-prevenzjoni tal-immigrazzjoni irregolari hija l-prevenzjoni tat-tluq, li ma nħallux – partikolarment fir-rotta tas-Southern Mediterranean – li jkun hemm il-qsim bid-dgħajjes u mhux li ninterċettaw id-dgħajjes meta jkunu nofs triq għax kif rajna fil-passat dik mhijiex soluzzjoni.

Dan il-Grupp li qed ikollna diskussjoni importanti ħafna fih iddiskuta wkoll temi oħra kurrenti, inkluż id-diskussjonijiet marbuta mal-proċessi f'fora internazzjonali oħra bħalma huma l-Kunsill tal-Ewropa – li kellna l-Presidenza tiegħu sa ftit tal-ġimgħa ilu - u l-Ġnus Magħquda, bil-għan illi jkun hemm koordinament bi preparazzjoni għal diversi laqgħat li ġejjin.

Ngħaddi mbagħad għal-laqgħa proprja tal-Kunsill Ewropew fejn kellna quddiemna aġenda twila u mimlija b'għadd ta' temi li jeħtieġu ħafna attenzjoni partikolarment fir-realtajiet li għandna bħalissa. L-ewwel nett, bdejna b'diskussjoni dwar l-Ukrajna fejn hemmhekk il-President Ukren Zelenskyy ingħaqad magħna permezz ta' VTC u tana wkoll l-aħħar żviluppi marbuta mal-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna.

Id-diskussjoni kienet iffokata l-aktar fuq l-appoġġ mill-Unjoni Ewropea, inkluż li jidħol fis-seħħ il-ftehim li lħaqna fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru li għadda sabiex jingħata s-self ta' €90 biljun lill-Ukrajna. Ilkoll nafu x'kien l-eżitu ta' din il-parti tad-diskussjoni. Fost affarijiet kruċjali oħra li ttrattajna kien hemm il-ħtieġa li jkomplu d-diskussjonijiet bl-involviment tal-Istati Uniti lejn ftehim ta' paċi kif ukoll dwar il-kumplessità ġeopolitika meta wieħed iħares ukoll lejn il-konflitt fid-dawl ta' dak li qed iseħħ fil-Lvant Nofsani.

Il-President Ukren tkellem ukoll dwar l-isforzi li qed jagħmel il-pajjiż tiegħu sabiex javvanza fin-negozjati tal-eventwali sħubija tfl--Unjoni Ewropea.

Imbagħad kellna l-opportunità li niltaqgħu fiżikament mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Antonio Guterres għal skambju dwar l-iżviluppi ġeopolitiċi u l-irwol tal-multilateraliżmu.

F'dan il-kontest imqalleb ferm li qed ngħixu fih jispikka dejjem aktar il-bżonn li nsaħħu l-multilateraliżmu, li jsib il-bażi tiegħu fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-liġi internazzjonali, bin-Nazzjonijiet Uniti tibqa' fiċ-ċentru tas-sistema internazzjonali biex niksbu l-paċi u s-sigurtà globali. Ikollok kemm ikollok armi, il-paċi u d-djalogu jibqgħu l-aqwa għodod. Nemmnu li biex tikseb il-paċi u s-sigurtà globali l-aqwa arma tibqa' dik tad-diplomazija li sfortunatament f'dawn iż-żmenijiet nemmen li m'aħniex qegħdin naħdmu dwarha biżżejjed, bi gwerer u aktar konflitti li sfortunatament minflok jonqsu qegħdin jipproliferaw aktar bil-konsegwenzi kemm fuq il-popli li jkunu l-aktar impattati kif ukoll fuq l-ekonomiji dinjin li kulħadd qed jarahom quddiem għajnejh.

Sur President, f'dan il-Kunsill kelli wkoll l-opportunità – din għamiltha wkoll dalgħodu fil-laqgħa li kellna mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea – li nagħti l-aġġornament tagħna dwar is-sitwazzjoni tal-vapur Russu sanzjonat Arctic Metagaz. Hemmhekk spjegajna s-sogri li x-shadow fleet Russa qed tagħmel bit-tankers tagħha taż-żejt anke fil-Mediterran. Jien illum mhux se noqgħod nidħol fil-punt dwar kif ġie kkaġunat l-inċident. Sal-lum dan il-bastiment wasal tista' tgħid lejn il-kosta Libjana, mexa ftit lejn it-Tuneżija wkoll jiġifieri jinsab imbiegħed sew minn xtutna però s'issa għadu drifting.

Kif ġie rapportat fuq il-mezzi tax-xandir lokali permezz tad-Deputat Prim Ministru qajjimna din il-materja fil-Kunsill għall-Affarijiet Barranin – dan kien it-Tnejn ta' qabel - u grazzi għall-koordinament li għamilt anke mal-Prim Ministru Taljana Giorgia Meloni, ingħaqadna bħala Grupp tal-MED5 (Malta, l-Italja, il-Greċja, Ċipru u Spanja), u bgħattna ittra lill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen, fejn tlabnieha biex il-Kummissjoni tieħu rwol aktar ċentrali sabiex jiġu skattati mekkaniżmi eżistenti imma jiġu stabbiliti wkoll proċessi li jħalluna nieħdu azzjoni f'waqtha u bla dewmien bħala blokk meta nkunu ffaċċjati b'dawn l-inċidenti li qed jimpattaw is-sigurtà fil-Mediterran, inkluż fuq bastiment bħal dan. Dan kellu l-komplessitajiet minħabba t-tagħbija li kien qed iġorr bejn il-gass naturali u l-heavy fuel oil imma mbagħad kien ukoll impattat bis-sanzjonijiet jiġifieri l-operat sar wieħed aktar ikkumplikat.

Huwa veru li dan l-inċident ma ġarax fl-ibħra territorjali tagħna, la fil-Contiguous Zone tagħna, la fl-Exclusive Economic Zone tagħna u lanqas ġara, importanti ferm, fis-Search and Rescue Region ta' pajjiżna, imma dan kien kruċjali għaliex kieku ġara hekk kienet tqum diskussjoni akbar anke dwar min ikkaġuna dan l-attakk in kwestjoni. Iżda li tqajjem żgur huwa kwestjoni ta' sigurtà tal-pajjiżi li jinsabu fil-Mediterran. Hemm ir-riskji għan-navigazzjoni għax dan huwa ċertament a maritime risk kif ukoll il-potenzjalità, anke jekk ma jkunx fl-ibħra tagħna, ta' sogru ekoloġiku, kemm jekk ikun qiegħed lejn in-naħa tal-ibħra Taljani kif ukoll jekk ikun lejn dawk Libjani għax aħna ma nitħaddtux f'compartments imma nitħaddtu dwar dinja globali. Hemmhekk tidħol l-importanza li nkunu tempestivi, effettivi u kordinati fl-azzjonijiet li rridu nieħdu.

Nerġa' nenfasizza li pajjiżna kien imħejji għal kull eventwalità. Kellna r-riżorsi kollha li kienu meħtieġa, l-għodod, l-apparat, l-inġenji nkluż tug boat li nġiebet appożitament jiġifieri konna mħejjija għal kull eventwalità imma daqstant ieħor ma niħux pjaċir li sal-lum għadha ma nstabitx soluzzjoni permanenti għal din il-kwestjoni.

Imbagħad l-aktar żewġ temi li kienu fiċ-ċentru ta' dan is-Summit kienu l-Lvant Nofsani u l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea u naturalment l-importanza li nkomplu nsaħħu s-suq waħdieni.

Nibda b'dak li huwa tematiku fil-mument u li għad irid jimpatta s-sitwazzjoni fix-xhur li ġejjin; il-gwerra fl-Iran, dak li qed jiġri fil-Lvant Nofsani u dak li qed jiġri fil-Golf Għarbi. Dak li rajna jiġri fil-jiem proprju ta' din il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew illum daħal fl-24 jum ta' din il-gwerra.

Sfortunatament m'hemm l-ebda sinjali sodi ta' deskalazzjoni u naturalment dan huwa ta' tħassib għalina lkoll.

Hemm l-impatt fuq in-nies ċivili, dawk li qed imutu, dawk li qed jisfaw korruti, u korruti serjament, u l-familji li qegħdin jintilfu li ċertament ma jaħtu għalxejn minn dan kollu. Din hija gwerra li mhijiex kontenuta bejn żewġ pajjiżi imma pproliferat fir-reġjun.

Hemm il-kwestjoni tar-restrizzjoni tal-moviment tal-persuni imma l-impatt il-kbir imbagħad fuq il-ġarr tal-merkanzija b'dak li qed jiġri u bil-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet kbar li hemm fl-Istrett ta' Hormuz, bit-theddidiet, biex insejħilhom hekk, jew konsegwenzi reċiproċi li qed jiġu skambjati u naturalment imbagħad it-twaqqif tal-moviment tal-bastimenti għandu impatt immedjat u serju fuq il-prezzijiet internazzjonali partikolarment dawk taż-żejt.

L-attakki li seħħew fuq l-impjanti tal-enerġija fir-reġjun, inkluż dak fil-Qatar - rajna infrastruttura kritika li ntlaqtet u li huwa mbassar li ddum bejn tlieta u ħames snin biex tiġi ripristinata u terġa' tibda ssir il-produzzjoni u d-distribuzzjoni li hemm illum – jinkwetawk għaliex qegħdin iwasslu għall-agħar kriżi dinjija tal-enerġija f'għexieren ta' snin, b'impatti fit-tul li, kif għedt, id-dinja se ddum biex tirkupra minnhom. Għaldaqstant, il-Kunsill iddiskuta b'mod prominenti l-impatti varji ta' din il-gwerra u pajjiżna ngħaqad mal-kumplament tal-Kunsill biex isejjaħ għal deskalazzjoni u djalogu u biex ma ssirx aktar ħsara irreparabbli. Kif għedt, dak li qed naraw partikolarment fl-infrastruttura tal-enerġija se jkun ifisser li jeħtieġu snin biex is-sitwazzjoni terġa' tissewwa għal dak li kienet.

Kif għedt aktar qabel, l-impatt tal-gwerra fuq il-prezzijiet tal-enerġija qed jinħass ħafna diġà u se jkompli jikber fil-ġimgħat li ġejjin issa li ġiet attakkata l-provvistà tal-gass tal-Qatar li huwa wieħed mill-esportaturi ewlenin madwar id-dinja.

Fil-fatt l-aktar tema prinċipali ta' dan is-Summit kienet proprju dik dwar miżuri li rridu nieħdu fl-Unjoni Ewropea sabiex nilqgħu għal din l-isfida marbuta ma' prezzijiet tal-enerġija għoljin li qed ikunu fattur ewlieni li se jkompli jxekkel il-kompetittività tal-blokk.

Fuq din it-tema flimkien bħala Unjoni rridu naraw li nieħdu azzjoni f'waqtha biex nikkontrollaw il-pressjoni tal-inflazzjoni fil-qasam tal-enerġija, fl-isfond ta' dawn l-isfidi kollha li qed jippreżentalna l-kontest ġeopolitiku sensittiv. Ma nistgħux inkunu spettaturi u noqogħdu nistennew li ssir il-ħsara lill-ekonomiji tagħna biex forsi xi darba jkun hemm reazzjoni.

U hawn, Sur President, jispikka l-għaqal tagħna bħala Gvern Malti li b'mod konsistenti mexxejna bih partikolarment dwar is-suġġett tal-enerġija matul l-aħħar snin. Filwaqt li bħalissa għandek il-kumplament tal-Unjoni Ewropea qed titkellem fuq x'tista' tagħmel biex tipproteġi lin-nies u lill-industrija mix-xokkijiet tal-prezzijiet tal-enerġija, aħna konna l-uniku pajjiż fl-Unjoni Ewropea li sa mill-2020 ħadna l-passi kollha meħtieġa permezz tal-introduzzjoni tas-sussidju u mbagħad żammejna konsistenti l-politika li konna adottajna mill-2013 'il quddiem partikolarment fil-qasam tad-dawl li ma ngħollux il-prezzijiet. Niftakar ukoll li fil-pandemija, fil-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika, f'Ġunju tal-2020, konna saħansitra naqqasna l-prezzijiet tal-fuels b'7ċ kull litru u minn dakinhar sal-lum, sitt snin sħaħ, dan il-pajjiż ma kellux żieda ta' ċenteżmu wieħed li huwa wieħed la fuq id-diesel, la fuq il-petrol, la fuq il-gass, la fuq l-ilma u lanqas fuq id-dawl. Stajna nagħmlu dan – filwaqt li ħaddieħor qalilna li s-sussidji huma short-lived u huma temporanji – bis-saħħa tal-ekonomija b'saħħitha li rnexxielna nżommu tul is-snin li ggarantitilna li jkollna dħul tajjeb. Jien kuntent li fl-ewwel xahrejn ta' din is-sena rreġistrajna surplus ukoll u dik l-ekonomija qiegħda tiggarantixxi li se nkomplu nżommu lill-poplu u lin-negozji tagħna protetti mix-xokkijiet internazzjonali.

Fil-fatt – u forsi kien hemm min osserva fil-laqgħa li kellna qabel beda l-Kunsill Ewropew jiġifieri dik li titħaddet dwar il-migrazzjoni – meta kont qed nitkellem mal-Prim Ministru ġdid tan-Netherlands u jgħidlek x'inhu l-prezz tal-fuel f'pajjiżu u jien għedtlu x'inhu l-prezz tal-fuel f'pajjiżna litteralment ikollok lill-mexxejja sħabi li jimmeraviljaw ruħhom u ma jemmnux x'inhuma l-prezzijiet tal-fuels f'pajjiżna. Hemm sitwazzjonijiet allarmanti. Filwaqt li qabel jekk konna ngħidu li l-prezz tal-fuel miss

iż-€2 kull litru kienet tkun xi ħaġa kbira, u hija xi ħaġa kbira ħafna, issa l-prezz fin-Netherlands qed imiss u qabeż iż-€2.50 u ż-€2.60. Dawn huma l-prezzijiet għal kull litru li qed naraw bħalissa.

Għalhekk dak jibqa' jkun il-messaġġ ewlieni tiegħi. Il-proġett Ewropew ikun ta' valur miżjud għan-nies meta din l-għaqda ta' bejnietna tissarraf f'ġid u prosperità għall-popli tagħna. U allura nemmen bis-sħiħ li rridu nkunu ta' sostenn għall-familji u n-negozji tagħna b'miżuri li jipproteġuhom mill-impatt tal-inflazzjoni, li joffru stabbiltà u li jilqgħu għax-xokkijiet esterni.

Din is-sitwazzjoni terġa' tpoġġi għażla ċara quddiemna s-27 mexxej tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-mexxejja tal-istituzzjonijiet; jew ngħollu l-prezzijiet u noħolqu aktar piżijiet u frammentazzjoni fis-Suq Waħdieni, inkella nassorbu l-pressjonijiet u nipproteġu l-kompetittività tagħna. Jien dejjem kont ċar, u se nibqa' nkun ċar li Gvern Laburista mmexxi minni se jibqa' jara li joffri stabbiltà lill-familji u n-negozji.

Fuq l-istess tema tal-kompetittività, wassalt il-messaġġ anke dalgħodu, kif għedt, mal-Vici President tal-Kummissjoni Ewropea Henna Virkkunen, li tinsab f'pajjiżna, li rridu nħarsu lejn il-konsolidazzjoni tas-Suq Waħdieni bi ħsieb li jkollna impatt pożittiv reali li jinħass miċ-ċittadini u n-negozji fl-Istati Membri kollha, jinsabu fejn jinsabu, inkluż dawk ta' pajjiżi fil-periferija u li mhumiex konnessi bħal Malta. Semmejt ukoll li prezzijiet ogħla tal-enerġija m'għandhomx l-istess impatt kullimkien, u hawn spjegajt ċar kif f'pajjiżna għandhom impatt ferm aktar kbir u wiesa' minħabba ż-żidiet fl-ispiża marbuta mat-trasport u l-loġistika.

B'rabta ma' dan, Sur President, erġajt kont ċar ħafna dwar deċiżjonijiet li rridu nieħdu b'rabta ma' liġijiet li għandna fis-seħħ fuq livell Ewropew li qed jimpattaw ħażin lil pajjiżna, u pajjiżi oħrajn ukoll, b'mod partikolari deċiżjonijiet li ttieħdu fil-leġiżlatura Ewropea li għaddiet u li issa huwa aktar ċar li dak li kien qed jgħid pajjiżna huwa minnu. Nirreferi partikolarment għall-ETS (Emissions Trading Scheme) u l-ETS Maritime.

Sħaqt li rridu nkunu kawti u li filwaqt li rridu nibqgħu naħdmu biex nilħqu l-miri ambizzjużi klimatiċi li għandna, irridu noqogħdu attenti li ma nisparawx f'saqajna jew li we miss the wood for the trees. F'dan il-kontest, tkellimt kif pajjiżna qed iħares 'il quddiem biex fir-reviżjonijiet li se jibdew jiġu diskussi aktar tard din is-sena, b'mod partikolari dwar l-Emissions Trading Scheme partikolarment dwar il-qasam marittimu, din għandha impatti sproporzjonati fuq pajjiżna li jiddependi purament fuq l-industrija tal-avjazzjoni u l-qasam marittimu għal dak kollu li nimportaw u nesportaw f'pajjiżna u għall-konnettività inġenerali, u għalhekk irridu niżguraw li ssir ġustizzja magħna.

Fl-aħħar mill-aħħar il-politika tagħna għas-Suq Waħdieni tibqa' mnebbħa mill-bżonn li jkun hemm bilanċ u li ma jkunx hemm regolamentazzjoni żejda li tistaġna l-progress, jew li aktar minn hekk, nagħmlu l-iżball li naħsbu li l-uniformità u l-armonizzazzjoni huma xi silver bullet li se jsolvu l-problemi kollha li għandna.

Wara kellna wkoll l-opportunità li f'diskussjoni qasira nieħdu kont tal-progress fir-rigward tan-negozjati li għaddejjin fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. L-oġġettiv hemmhekk huwa li nagħlqu sal-aħħar ta' din is-sena jiġifieri li nagħlqu fil-Kunsill ta' Diċembru li ġej u allura dak il-qafas ikopri s-snin 2028-2034. Id-diskussjoni kienet l-aktar iffokata fuq il-passi li jmiss biex inżommu mal-mira li jintlaħaq qbil fuq kompromess ġust sal-aħħar tas-sena.

Fl-aħħar nett, Sur President, kif għidt fil-bidu, ipparteċipajt ukoll fis-Summit taż-Żona Ewro, fejn kellna wkoll diskussjoni dwar il-qagħda ekonomika u hawn, b'mod prominenti għal darb'oħra ġew diskussi l-pressjonijiet tal-inflazzjoni u l-impatt fit-tul li se jkollha l-gwerra tal-Iran fuq l-Unjoni Ewropea.

Pajjiżi bħal Malta li għandhom ekonomija miftuħa u dipendenti fuq l-importazzjoni huma naturalment esposti għal dawn ix-xokkijiet, u f'dan il-kontest sostnejna li fl-immedjat iridu jittieħdu miżuri proporzjonati u responsabbli li jappoġġjaw l-ekonomija, filwaqt li jridu jibqgħu sostnuti l-miri fit-tul li

jħarsu lejn riformi strutturali, aċċess għall-finanzjament lill-kumpaniji u l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.